Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 24 of August, 2007.

MARISA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1194

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Albert John Yarranton ippreżenta rikors ġuramentat (Nru. 397/06 JA) fejn talab il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 4603/2002 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum, 24 ta' Awissu, 2007.

MARISA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Albert John Yarranton filed an application under oath (No. 397/06 JA) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 4603/2002 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This, 24 of August, 2007.

MARISA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1195

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrent Jennifer Attard ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 53/07 JA) fejn talbet il-KORREZZJONI TA' L-ATT TAT-TWELID numru 1570/2005 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tiġi mogħtija għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 24 ta' Awissu, 2007.

MARISA ATTARD
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Jennifer Attard filed an application under oath (No. 53/07 JA) demanding CORRECTIONS in the ACT OF BIRTH number 1570/2005 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
This 24 of August, 2007.

MARISA ATTARD
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1196

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4294/06, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Edwin Galea, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Edwin Galea (ID Numru 143965(M) fil-11 ta' Lulju 2006, il-Kummissartju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 48 ta' l-Att XII ta' l-1994, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas l-ammont ta' erba' mija u erbgħa u sittin Lira Maltin u ħamsa u għoxrin ċenteżmu Lm464.25 (€1,081.41) rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XII ta' 1-1994 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi …Omissis…

Fin-nuqqas il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given in the records of the judicial letter number 4294/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Edwin Galea, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Edwin Galea (ID Number 143965(M) on the 11th July 2006, the Commissioner for Value Added Tax, calls upon you so that within two (2) days from the service of this act you pay the amount of four hundred and sixty four Maltese Liri and twenty five cents Lm464.25 (€1,081.41) representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to Act XII of 1994 till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law…Omissis…

Failing which the interpellant warns you that he shall

jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Notifika Intimat: (1) Edwin Galea-44, 'Miami', Triq il-Pwales, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Notify Respondent: (1) Edwin Galea-44, 'Miami', Triq il-Pwales, San Pawl il-Baħar.

Registry of the Superior Courts, today 27th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1197

IKUN jaf kulħadd illi b'digriet tal-25 ta' Mejju 2007 mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

Illi b'rikors ippreżentat mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud fl-24 ta' Mejju 2007 qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' Lm163.15 (€380.04) u Lm535 (€1,246.21) rispettivament depożitat b'ċedoli numri 2156/2006 u 2161/2006 minn HSBC PLC u Bank of Valletta p.l.c., li jappartjenu lil Edwin Galea.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum l-24 ta' Awissu 2007.

ALAN ZERAFA.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the 25th May 2007 given by the Magistrates Court (Malta), the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Chapter 12)

That by an application filed by the Commissioner of the VAT on the 24th May 2007, is asking for the withdrawal of the amount of Lm163.15 (€380.04) and Lm535.00 (€1,246.21) respectively deposited by Schedule of Deposit numbers 2156/2006 and 2161/2006, lodged by HSBC Bank Plc and Bank of Valletta p.l.c. and appertaining to Edwin Galea.

Registry of the Magistrates Court (Malta), today the 24th day of August 2007.

ALAN ZERAFA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1198

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-15 ta' Ġunju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Maltacom plc (C22334) ta' Spencer Hill, il-Marsa, ippreżentaw Talba fl-20 ta' Marzu 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Anthony Sciberras (ID559761M) ta' 71, l-Arzella, Triq il-Katlan, Ħ'Attard, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u dsatax-il lira Maltija u tmienja u disgħin ċenteżmu Lm119.98 (€279.48) liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 15th June 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Maltacom plc (C22334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 20th March 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Anthony Sciberras (ID559761M) of 71, l-Arzella, Triq il-Katlan, Attard, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and ninteen Maltese liri and ninty eight cents Lm119.98 (€279.48) which amount is due to the plaintiff company.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (280/07RFA) hija differita għall-5 ta' Ottubru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Awissu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests.

The case (Claim Number 280/07RFA) is put off on the 5th October 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th August 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1199

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-25 ta' Mejju 2007, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Transfreight Limited (C16049) ta' 330/4, Żabbar Road, Paola, PLA16, ippreżentaw Talba fis-16 ta' Marzu 2007, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Gennaro Rosario De Luca ta' 47, Triq tal-Gidwet, Marsaskala jew Violet, Flat 8, Triq il-Ġdida fi Triq il-Kappara, Marsaskala, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u tmienja u għoxrin lira Maltija u tnejn u sittin ċenteżmi Lm128.62 (€299.60) liema ammont huwa dovut lis-soċjeta attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (275/07RFA) hija differita għad-19 ta' Ottubru 2007 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 27 ta' Awissu 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 25th May 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Transfreight Limited (C169049)of 330/4, Żabbar Road, Paola PLA16 filed a Claim on the 16th March 2007 whereby they asked the Tribunal to condemn Gennaro Rosario De Luca of 47, Triq tal-Gidwet, Marsascala or Violet, Flat 8, Triq il-Ġdida fi Triq il-Kappara, Marsaskala, to pay the plaintiff company the sum of one hundred and twenty eight Maltese liri and sixty two cents Lm128.62 (€299.60) which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 275/07RFA) is put off on the 19th October 2007 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 27th August 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1200

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Ottubru 2006, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 428/06, fl-ismijiet Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa vs Edwin Galea, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Edwin Galea (ID Numru 143965(M) fil-11 ta' Lulju 2006, id-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u Sisa jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 50 ta' l-Att XII ta' l-1997, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att tħallas l-ammont ta' mija u wieħed u ħamsin Lira Maltin u tnejn u tletin ċenteżmu Lm151.32 (€352.48) rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa tas-Sisa.

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 23rd October 2006, in the records of the judicial letter number 428/06, in the names Director for Customs and Excise vs Edwin Galea, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Edwin Galea (ID Number 143965(M) on the 11th July 2006, the Director for Customs and Excise, calls upon you so that within two (2) days from the service of this act you pay the amount of one hundred and fifty one Maltese Liri and thirty two cents Lm151.32 (€352.48) representing amount due by you as Excise Tax.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skond l-Att XII ta' 1-1997 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi …Omissis…

Fin-nuqqas il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Mittenti: Centre Point Building, Triq Ta' Paris, Birkirkara.

Notifika Intimat: (1) Edwin Galea-44, 'Miami', Triq il-Pwales, San Pawl il-Baħar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Awissu 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interest according to Act XII of 1997 till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law …Omissis…

Failing which the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Triq ta' Paris, Birkirkara.

Notify Respondent: (1) Edwin Galea-44, 'Miami', Triq il-Pwales, San Pawl il-Baħar.

Registry of the Superior Courts, today 27th August 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1201

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fl-24 ta' Awissu, 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 4 ta' Diċembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-27 ta' Marzu, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond mingħajr numru, magħruf bl-isem 'Dolceria Siciliana' u l-i*store*/garaxx adjaċenti, mingħajr numru u mingħajr isem, it-tnejn sottoposti għall-propjetà ta' terzi fi Triq San Franġisk, San Ġwann, stmati li jiswew Lm80,000 (€186,349.87) u Lm60,000 (€139,762.40) rispettivament.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Delicious Company Limited (C 28820).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-30 ta' Mejju, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Awissu, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th August, 2007 on the application of HSBC Bank Malta plc, Tuesday 4th December, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 27th March, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The unnumbered property named 'Dolceria Siciliana', and the adjacent store/garage, unnumbered and unnamed, both underlying third party property in San Franġisk Street, San Ġwann, valued at Lm80,000 (€186,349.87) and Lm60,000 (€139,762.40) respectively.

The said tenement is the property of Delicious Company Limited (C 28820).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Ellul Vincenti on 30th May, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 24th August, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1202

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fl-24 ta' Awissu, 2007 fuq rikors ta' George Gafà et ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 11 ta' Diċembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' April, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Garaxx mingħajr isem jew numru fi Triq il-Għajn, Swieqi, limiti ta' San Ġiljan, li jikkonsisti f'parapett fuq quddiem u f'tlett ikmamar fuq wara, u l-istess garaxx u kmamar huma sottoposti l-propjetà fondi li għandhom in-numri 27 u 29, liema propjetà għandha ċens annwu u perpetwu ta' Lm24 (€55,90), stmat li jiswa Lm37,500 (€87,351.50).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' B.Kam Holdings Limited (C 24868).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Anthony V. Stivala fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-14 ta' Awissu, 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Awissu, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th August, 2007 on the application of George Gafà et, Tuesday, 11th December, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th April, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The unnumbered and unnamed garage in Għajn Street, limits of St. Julians, consisting of a front patio and three rooms on the back, the same garage and rooms underlying properties numbered 27 and 29, subject to an annual and perpetual ground rent of Lm24 (€55.90), valued at Lm37,500 (€87,351,50).

The said tenement is the property of B.Kam Holdings Limited (C 24868).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Anthony V. Stivala on 14th August, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 24th August, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1203

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fl-24 ta' Awissu, 2007 fuq rikors ta' HSBC Bank Malta p.l.c. ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 11 ta' Diċembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-19 ta' April, 2007 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Id-dar numru 145 u bl-isem "Aida House" fi Triq Anici, Ħal Qormi soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' żewġ Liri Maltin u ħamsin ċenteżmu Lm2.50 (€5.82), valutata erbgħin elf lira Maltin Lm40,000 (€93.175).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Annunziata sive Nancy Muscat (I.D. 829950M), Marisa Muscat (I.D. 516473M) u Audrey Ann Muscat (I.D.23984M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Joseph Ellul Vincenti fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fil-25 ta' Ġunju 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Awissu, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th August, 2007 on the application of HSBC Bank Malta p.l.c., Tuesday, 11th December, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 19th April, 2007 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The property numbered one hundred forty-five (145) named "Aida House", Anici Street, Qormi, subject to annual and ground rent of two Maltese Liri and fifty cents Lm2.50 (€5.82), valued at forty thousand Maltese Liri Lm40,000 (€93,175).

The said tenement is the property of Annunziata sive Nancy Muscat (I.D. 829950M), Marisa Muscat (I.D. 516473M) and Audrey Ann Muscat (I.D.23984M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Joseph Ellul Vincenti on 25th June, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 27th August, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1204

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fl-24 ta' Awissu, 2007 fuq rikors ta' Francis Busuttil & Sons Limited ġie ffissat il-jum tat-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-29 ta' Novembru, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

1. L-appartament numru wieħed immarkat bl-ittra A, fit-tielet livell ta' kumpless akbar magħruf bħala "The Gables", Triq Raddet ir-Roti, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa' Lm86,800 (€202,189.6).

2. Il-Garaxx bin-numru 27 fil-livell numru 1 tal-kumpless fuq imsemmi, Triq Raddet ir-Roti, Xemxija, San Pawl il-Baħar, stmat li jiswa' Lm12,500 (€29,117.17).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Eric (ID 533674M) u Rita (ID 106987M) konjuġi Borg.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC David Pace fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-13 ta' Novembru, 2006.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta' Awissu, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 24th August, 2007 on the application of Francis Busuttil & Sons Limited, Tuesday 23rd October, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 29th November, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Apartment number one marked as letter A, on the third level of a complex known as 'The Gabbles', Raddet ir-Roti Street, St. Paul's Bay, valued at Lm86,800 (€202,189.6).

2. Garage number 27 on the first level of the above mentioned building complex, Raddet ir-Roti Street, St. Paul's Bay, valued at Lm12,500 (€29,117.17).

The said tenement is the property of Eric (ID 533674M) and Rita (ID 106987M) spouses Borg.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC David Pace on 13th November, 2006.

Registry of the Superior Courts, this 27th August, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1205

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fit-23 ta' Awissu, 2007 fuq rikors ta' Medicem Limited (C1048) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 6 ta' Diċembru, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tat-25 ta' Lulju, 2006 li għandu jsir fl-ewwel sular ta' dawn il-Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-fond bl-isem 'Joanas', fi Triq it-Tut, Żabbar, liema proprjetà għandha ċ-ċens annwu u perpetwu ta' Lm20 (€46.60), stmat li jiswa Lm85,000 (€197,996.74).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Emanuel (ID 654449M) u Catherine (ID 354753M) konjuġi Schembri.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Mario Cassar fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fit-12 ta' Ġunju 2007.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Awissu, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 23rd August, 2007 on the application of Medicem Limited (C1048), Thursday, 6th December, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 25th July, 2006 to be held in the in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

The property named 'Joanas', Tut Street, Żabbar, subject to annual and perpetual ground rent of Lm20 (€46.60), valued at Lm85,000 (€197,996.74).

The said tenement is the property of Emanuel (ID 654449M) and Catherine (ID 354753M) spouses Schembri.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Mario Cassar on 12th June, 2007.

Registry of the Superior Courts, this 24th August, 2007.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1206

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-25 ta' Awissu 2007, ġiet milqugħa t-talba tal-Prosekuzzjoni fl-Atti tal-Kumpilazzjoni 'Il-Pulizija (Spettur Chris Pullicino u Spettur Mario Haber) kontra:

Osama Ebeid, ta' 42 sena iben Nmer u Sarah neé Eissa, imwieled il-Palestina nhar id-19 ta' April 1965, residenti 121, Triq l-Arkati Paola, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 490195(M).

Ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti u/jew imissu lill-imputat imsemmi iktar 'il fuq, jew li huma propjetà tiegħu u pprojbiet lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull propjetà, mobbli jew immobbli, u dan ai termini ta' l-Artikolu 23A(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 27 ta' Awissu 2007

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

It is hereby notified that by a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 25th August 2007, the Court acceded to the request of the Prosecution in the Preliminary Investigation 'The Police (Inspector Chris Pullicino and Inspector Mario Haber)' versus:

Osama Ebeid, 42 years of, son of Nmer and Sarah neé Eissa, born in Palestine on the 19th April 1965 and residing 121, Triq l-Arkati, Paola, holder of identity card number 490195(M).

Ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and moveable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, moveable or immoveable, and this in terms of Article 23A(2) of Chapter 9 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today 27th August 2007

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts and Tribunals

1207

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-25 ta' Awissu 2007, ġiet milqugħa t-talba tal-Prosekuzzjoni fl-Atti tal-Kumpilazzjoni 'Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) kontra:

Denis Borg ta' 29 sena iben Carmelo u Maria neé Buhagiar, imwieled Pietà fit-23 ta' Awissu 1978 u resdenti Blokk B3, Triq Porzjunkula, il-Qawra, detentur ta' karta ta' l-identità bin-numru 454078(M)

Ordnat li jiġu sekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li huma dovuti u/jew imissu lill-imputat imsemmi iktar 'il fuq, jew li huma propjetà tiegħu u pprojbiet lill-istess imputat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn kull propjetà, mobbli jew immobbli, u dana a bażi tal-Kap. 9 u Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 28 ta' Awissu 2007

PAUL MIRUZZI
Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali (Malta)

It is hereby notified that by a decree given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry on the 25 August 2007, the Court acceded to the request of the Prosecution in the Preliminary Investigation 'The Police (Inspector Norbert Ciappara)' versus:

Denis Borg, 29 years old, son of Carmelo and Maria neé Buhagiar, born Pietà on the 23rd August 1978 and residing Block B3, Triq Porzjunkula, Qawra, holder of identity card bearing number 454078M.

Ordered that there shall be attached in the hands of third parties in a general manner, all monies and moveable property which may be due to or belonging to the accused mentioned above, or which are his property and prohibited the same accused from transferring or in any other way dispose from all property, moveable or immoveable, and this in accordance with Chapter 9 and Chapter 101 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Jurisdiction (Malta), today 28th August 2007

PAUL MIRUZZI
Registrar, Criminal Courts and Tribunals

1208

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti ta' l-Appell permezz ta' digriet mogħti fl-20 ta' Awissu 2007, fl-atti taċ-Ċitazzjoni 867/01 AL, fl-ismijiet John Formosa et vs Lawrence Formosa, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-appellat Lawrence Formosa, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Court of Appeal by means of a decree given on the 20th August 2007, in the records of the Writ of Summons 867/01 AL, in the names John Formosa et vs Lawrence Formosa, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Lawrence Formosa, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Permezz ta' Rikors ippreżentat fil-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-atti taċ-Ċitazzjoni Numru 867/01 AL, fl-ismijiet John Formosa, Saviour Formosa, Doris mart Ronald Brincat aħwa Formosa u Maria Rosaria sive Lucy mart l-istess John Formosa, Giorgina mart Saviour Formosa u Ronald Brincat għal kull interess li jista' jkollhom vs Lawrence Formosa fit-12 ta' Mejju 2007, ir-rikorrenti John Formosa et ID 711636(M) esponiet bir-rispett;

By means of an Application filed in the Court of Appeal (Inferior Jurisdiction) in the records of the Writ of Summons Number 867/01 AL, in the names John Formosa, Saviour Formosa, Doris wife of Ronald Brincat brothers and sister Formosa and Maria Rosaria sive Lucy wife of the same John Formosa, Giorgina wife of Saviour Formosa and Ronald Brincat for any interest they may have vs Lawrence Formosa, on the 12th May 2007, the applicant John Formosa et, ID 711636 (M) pleaded with respect;

Illi b'Ċitazzjoni ppreżentata fis-17 ta' Mejju 2001, quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili l-esponenti wara li ppremettew illi:

That by means of a Writ of Summons filed on the 17th May 2001, before the First Hall Civil Court the applicants after having premised that;

B'kuntratt in atti Nutar Dottor Joseph Raymond Grech, tat-28 ta' Diċembru 1963 kien deher il-konvenut u akkwista b'enfitewsi temporanja għal mitejn (200) sena d-dar bin-numru disgħa (9), Triq Għar il-Lembi, Tas-Sliema, versu ċ-ċens annwu u temporanju ta' mija u sitta u għoxrin lira Lm126 (€293.50) liema konċessjoni enfitewtika bdiet tiddekorri mid-data ta' l-imsemmi att;

By a contract in the records of Notary Dr. Joseph Raymond Grech of the 28th December 1963, the defendant appeared and acquired by temporary emphyteusis for two hundred (200) years the house number nine (9) Għar il-Lembi Street, Sliema, towards the annual and temporary groundrent of one hundred and twenty six liri Lm126 (€293.50) which emphyteutical concession started to run from the date of the said act;

Għalkemm il-konvenut kien deher fuq l-imsemmi att ta' akkwist f'ismu proprju kien fil-fatt aġixxa bħala mandatarju 'prestanome' għan-nom u fl-interess ta' missieru u missier l-atturi u cioè Francis Formosa u martu Angela Formosa (in vista tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn l-istess konjugi) tant li (a) il-prezz ta' l-akkwist u l-ispejjeż ta' l-att tħallsu mill-imsemmi Francis Formosa; (b) l-imsemmi Francis Formosa kien sussegwentement waqqa' 'l fuq imsemmija dar u bena fuq l-istess sit terran u tmien (8) il-appartament bi flusu; u (ċ) l-introjtu derivanti minn dawn l-appartamenti kien jiġi perċepit mill-imsemmija ġenituri tal-kontendenti Francis u Angela konjugi Formosa, stante illi din kienet proprjetà tagħhom;

Although the defendant had appeared on the deed of acquisition in his own name he had infact acted as mandatary 'prestanome' in the name and in the interest of his father and the father of the plaintiffs and that is Francis Formosa and his wife Angela Formosa (in view of the community of acquests existing between the same spouses) so much so that (a) the price of the acquition and the costs of the deed were made by the said Francis Formosa; (b) the said Francis Formosa had subsequently demolished the said house and built on the same site a groundfloor tenement and eight (8) flats with his money; and (c) the income derived from these apartments was collected by the said parents of the parties Francis and Angela spouses Formosa since this was their property;

Il-kontendenti flimkien ma' oħthom Pauline Formosa li mietet xebba fis-17 ta' Marzu 1992 kienu u huma l-uniċi wlied ta' l-imsemmija Francis u Angela konjugi Formosa… Omissis…

That the parties together with their sister Pauline Formosa who died unmarried on the 17th March 1992 were and are the only heirs of the said Francis and Angela spouses Formosa …Omissis…

Wara l-mewt ta' missier il-kontendenti din il-proprjetà dejjem ġiet ikkunsidrata mill-kontendenti bħala proprjetà tal-familja kollha tant illi …Omissis…

Il-konvenut irrikonoxxa li l-imsemmija proprejtà tappartjeni lill-kontendenti kollha f'ishma indaqs bejniethom tant illi bi skrittura tal-5 ta' Ġunju 1992, huma ftehmu li jaqsmu l-appartamenti, liema qasma, minkejja miftiehma għadha sal-ġurnata tal-lum mhux effettwata;

Il-konvenut issa qed jippretendi illi l-proprjetà in kwistjoni u cioè il-fondi kollha mibnija fuq fejn kien qabel kien hemm id-dar numru 9, Għar il-Lembi Street Sliema, hija proprjetà esklussiva tiegħu u qed jirrifjuta li jersaq għall-att pubbliku relattiv biex il-proprjetà in kwistjoni tiġi assenjata lill-kontendenti f'ishma ndaqs bejniethom;

Talbu lil dik l-Onorabbli Qorti biex;

…Omissis…

Illi permezz tan-nota ta' l-eċċezzjonijiet ppreżentata fit-18 ta' Ġunju 2001, il-konvenut appellanti eċċepixxa illi;

1. Preliminarjament kull dritt li l-atturi setgħu qatt kellhom li jimpunjaw il-kuntratt li għalih hemm referenza fl-ewwel premess taċ-ċitazzjoni hu preskritt…Omissis…

2. Indipendentement minn dan fl-ipotesi suġġerita mill-atturi anke jekk veru l-azzjoni kompetenti lilhom kellha tkun dik tad-danni u interessi …Omissis…

3. Preliminarjament ukoll l-atturi Maria Rosaria sive Lucy Formosa, Giorgina Formosa, u Ronald Brincat m'għandhom ebda interess fil-kawża u l-esponenti għandu għalhekk jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju fil-konfront tagħhom bi spejjeż kontra tagħhom;

4. Bla ħsara għall-premess u fil-mertu l-pretensjoni ta' l-atturi hi fil-fatt għal-kollox infondata u inveritiera billi l-esponenti akkwista l-fond mertu ta' din il-kawża in nome proprio u bi flusu.

Salv jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

…Omissis…

Following the death of the parties' father, this property was always considered as property of all the family so much so that…Omissis…

The defendant acknowledged that the said property belongs to all the parties in equal shares between them so much so that by a writing of the 5th June 1992 they agreed to partition the apartments which partition although agreed has not been carried out till this day;

The defendant is now expecting that the property in question and that is all the premises built where there was the house number 9, Għar il-Lembi Street, Sliema, is his exclusive property and is refuting to come forward to the relative public deed so that the property in question be assigned to the parties in equal shares between them;

Asked that Honourable Court so that;

…Omissis…

That by means of a note of pleas filed on the 18th June 2001, the defendant appellant pleaded that;

1. In the First place every right which the plaintiffs could have had to impugn the contract to which there is reference in the first premise of the Writ of Summons is prescribed…. Omissis…

2. Independently from the hypothesis suggested by the plaintiffs even if it is true that the action due to them was that of damages and interest …Omissis…

3. In the first place the plaintiffs Maria Rosaria sive Lucy Formosa, Giorgina Formosa and Ronald Brincat have no interest in the cause and the applicant thus is to be freed from the observance of the judgement against them with costs against them;

4. Without prejudice to the premised and as regards the merit the claim of the plaintiffs is completely unfounded and untrue as the applicant acquired the premises merit of this cause in his own name and with his money.

Save if it be the case further pleas.

…Omissis…

Illi l-Qorti wara li rat dan ir-Rikors u r-risposta ta' l-atturi ppreżentata fl-14 ta' Frar 2007, b'digriet mogħti in camera fit-3 ta' April 2007, laqgħat it-talba u rrevokat contrario imperio d-digriet tagħha tas-16 ta' Jannar 2007.

That the Court after seeing this Application and the reply of the plaintiffs filed on the 14th February 2007, by a decree given in camera on the 3rd April 2007, upheld the demand and revoked contrario imperio its decree of the 16th January 2007.

Illi l-atturi esponenti ħassu ruħhom aggravat b'din id-deċiżjoni u permezz ta' rikors ippreżentat fit-12 ta' April 2007, talbu lil Ewwel Qorti jogħġobha tagħtihom permess sabiex jappellaw mid-digriet tagħha tat-3 ta' April 2007, ai termini ta' l-Artikolu 229 (3) tal-Kap. 12.

That the applicant plaintiffs, felt aggrieved by this decision and by means of an application filed on the 12th April 2007, asked that the Court of First Instance grant them permission to appeal from its decree of the 3rd April 2007, in terms of Article 229 (3) of Chapter 12.

Illi fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2007, l-Ewwel Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponenti jinterponu dan l-umli appell mill-imsemmi digriet.

That during the sitting of the 6th June 2007, the Honourable Court of First Instance authorized the applicants to file this humble appeal from the said decree.

Illi l-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti;

That the grievance is clear and manifest and consists of the following;

Illi apparti li fir-realtà l-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru 2006, ma tikkostitwix eċċezzjoni tal-konvenut iżda tirrigwarda l-kwistjoni jekk il-konvenut f'dak l-istadju setgħax jissolleva eċċezzjoni ulterjuri, xorta waħda jibqa' l-fatt li d-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti fis-16 ta' Jannar 2007, hija minn natura tagħha sentenza u mhux digriet…….. Omissis……. Id-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2007, ma hijiex sempliċiment deċiżjoni li tipprovdi dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-prosegwiment tal-kawża u allura dik id-deċiżjoni ma tista' qatt tiġi kkunsidrata li hija digriet … Omissis…

That apart that in reality the minutes of the sitting of the 9th November 2006 does constituted a plea of the defendant, but refers to the matter whether the defendant at that stage could have raised further pleas, it still remains as a fact that the decision given by the Court on the 16th January 2007, is of its nature a judgement and not a decree …Omissis… The decision of the 16th January 2007, is not simply a decision which provides regarding an episode or procedural aspect during the cause and thus that decision can never be considered as a decree …Omissis…

Illi jsegwi li d-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2007, ma kienx digriet li jista' jiġi revokat minn dina l-Qorti contrario imperio a tenur ta' l-Artikolu 229 (4) tal-Kap. 12, …Omissis…

Thus it follows that the decision of the 16th January 2007, was not a decree which can be revoked by this Court contrario imperio in terms of Article 229(4) of Chapter 12 …Omissis…

Illi inoltre dato ma non concesso li d-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2007, kien digriet u mhux sentenza l-esponenti jirrileva li skond l-Artikolu 229 (5) tal-Kap. 12 'Il-Qorti għandha kemm jista' jkun mingħajr dewmien tagħti digriet waqt seduta bil-miftuħ… dwar ir-rikors sabiex l-istess Qorti tikkonsidra mill-ġdid id-deċiżjoni tagħha skond is-subartikolu (4) b'mod illi tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha'…Omissis…

That furthermore granted but not conceded the decision of the 16th January 2007 was a decree and not a judgement the applicant points out that according to Article 229 (5) of Chapter 12 'The Court should without too much delay give a decree during the sitting in open Court… regarding the application so that the same Court reconsiders anew its decision according to subarticle (4) in such a manner as to declare in detail the reasons which brought about its decision ….Omissis…

Illi oltre għar-raġunijiet fuq imsemmija l-esponenti jagħmlu wkoll riferenza għar-raġunijiet fuq il-mertu

That besides the reasons above mentioned the applicants also referred to the reasons on the merit contained in

kontenuti fir-risposta tagħhom ippreżentata fl-14 ta' Frar 2007 u cioè s-segwenti;

Illi persuna li tikkuntratta f' isimha però bħala mandatarju prestanome hija meqjus għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi fil-konfront ta' terzi illi hija hi li akkwistat id-drittijiet u assumiet l-obbligi li jemanu minn dan il-kuntratt (ara artikolu 1871 tal-Kodiċi Ċivili)… Omissis…

Il-mandatarju prestanome vis a vis il-mandant huwa obbligat li jaddivjeni għall-formalità ta' l-att pubbliku … Omissis…

Isegwi għalhekk li fil-mument li mietu l-ġenituri tal-kontendenti fil-konfront ta' terzi ma kien hemm ebda trasferiment causa mortis. Għalhekk għal dak li jirrigwarda l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti ma kien hemm ebda neċessità li ssir dikjarazzjoni causa mortis. It-trasferiment vis a vis it-terzi jieħu effett meta jsir l-att pubbliku …Omissis…

Illi inoltre ma jagħmilx sens illi l-atturi jiddenunzjaw din il-proprjetà meta l-istess konvenut qed jikkontesta li huwa kien mandatarju prestanome ta' missier l-atturi u meta f'każ ta' eżitu favorevoli jrid isir l-att ta' trasferiment u titħallas it-taxxa relattiva;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost missier l-atturi żgur miet iktar minn għaxar snin minn meta ġiet intavolata din il-kawża u għalhekk dak li ġie deċiż in konfront tal-missier huwa korrett.

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost in konfront ta' omm il-kontendenti mhux obbligu tal-mandat jew is-suċċessuri tiegħu li jiddenunzjaw l-proprjetà in kwistjoni imma kif jistipula l-Artikolu 1871 A (5) u (6) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta l-obbligu ta' dan huwa tal-mandatarju… Omissis…

